**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT

## IT-TIENI LEĠISLATURA

## LAQGĦA NUMRU 7 – IT-TLIETA, 13 TA' JANNAR 2015 FIS-6.00PM

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairman |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairman |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti numru 6**

.

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti li joħorġu mill-minuti**

2.1 Rigward paragrafu 2.3, is-Sur Alfred Mangion staqsa jekk waslitx l-istima mill-Gesco għal tliet locality maps. Hu ġie nfurmat li Gesco rrispondew li huma ma jagħmlux dan ix-xogħol. Ic-Chairman informa lill-Kumitat li ra noticeboards tajbin ħafna. Għandu jiġbor informazzjoni rigward minn fejn inxtraw.

2.2 Rigward paragrafu 2.4, is-Sur Alfred Mangion ikkonferma li tqassmu l-ittri. Minkejja dan xorta waħda tara boroż barra f'ħinijiet differenti. Ġie deċiż li tintalab lir-Reġjun biex isir sorveljanza mill-Green Warden wara l-ħamsa ta' filgħaxija.

2.3 Rigward paragrafu 3.4 ġie innutat ukoll li saru t-tabelli Give Way fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Barbaġann. Ġie deċiż li jitwaħħlu No Entry ukoll minħabba li deħlin wrong way.

## 3 Komunikazzjoni miċ-*Chairman*

3.1 Iċ-Chairman awgura s-sena t-tajba lill-Membri u lis-Segretarju Eżekuttiv.

3.2 Iċ-Chairman staqsa jekk wasalx l-allokazzjoni tal-Kappara. Ġie nfurmat fin-negattiv.

3.3 Kien hemm diskussjoni fuq il-laqgħa annwali tal-Kappara. Ġie innutat li għal din, hemm bżonn isir rapport annwali, rapport finanzjarju u pjan ta' ħidma.

## 4 Affarjiet oħra

3.1 Is-Sur Alfred Mangion fakkar li hemm tabella nieqsa fil-bidu ta' Triq il-Ħida. Il-Kumitat ġie nfurmat li l-PO diġà ntbagħtet.

3.2 Fakkar ukoll li l-wire għadu mdendel fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Gallina.

3.3 Ġie deċiż li jsir Slow fi Triq il-Ħida kantuniera ma' Triq Birkirkara minħabba li qed jidħlu b'veloċità qawwija.

3.4 Il-Kumitat ġie nfurmat li hemm arblu fil-Ġnien li hu msaddad. Għandha ssir site visit.

3.5 Il-Kumitat ġie nfurmat li se toħroġ it-tender tal-knis. Kien hemm diskussjoni fuq il-kondizzjonijiet ta' din it-tender.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar 2015 fis-6.00pm.

________________________

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

________________________

**Stefan Bonello Ghio**
**Chairman**